# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 534/2019 JVC**

**Usama Nassar u Fatma Mansour u Rahma Usama Abdelmangoud Abuelyezeed Nassar u Josef Osama Abou El Yazeid u b'digriet tat-18 ta' Gunju 2019 Usama Nassar u Fatma Mansour gew mahtura bhala kuraturi ad litem sabiex jirraprezentaw lil minuri**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Usama Nassar et kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. Illi l-esponenti huma mizzewgin bir-rit Islamiku;

2. Illi minn dan iz-zwieg l-esponenti kellhom erba' (4) ulied u cioe Basmala Nassar illi llum ghandha tnax (12) 'il sena, Ahmed Nassar illi llum ghandu erbatax (14) 'il sena, Rahma Usama Abdelmangoud Abuelyezeed Nassar illi llum ghandha 6 (sitt) snin u Josef Osama Abou El Yazeid li llum ghandu 9 (disa') snin;

3. Illi kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala **DOK BN, DOK AN, DOK RN u DOK JN,** l-fatt illi m'hemmx uniformita fil-kunjomijiet ta l-ulied kollha, johloq ambigwita u nuqqas ta' kjarezza;

4. Illi l-esponenti sew personalment u kif ukoll in rapprezentanza ta' wliedhom jitolbu illi ic-certifikat tat-twelid, hawn anness u mmarkat bhala **Dok RN,** ta' Rahma Usama Abdelmangoud Abuelyezeed Nassar ma jibqax jaqra "Rahma Usama Abdelmangoud Abuelyezeed Nassar" izda jigi jaqra "Rahma Nassar";

5. Illi di piu, ic-certifikat tat-twelid ta' Josef Osama Abou El Yazeid hawn anness u mmarkat bhala **Dok JN,** ma jibqax jaqra "Josef Osama Abou El Yazeid" u jigi jaqra "Josef Nassar";

6. Illi s-suespost u aktar u aktar fis-socjeta Maltija dan l-istat ta' fatt qed jikkawza sitwazzjoni skomda ambigwa ghall-ulied;

Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jgibu il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u, filwaqt li jaghmlu referenza ghal provi prodotti u jirrizervaw li jipproducu dawk il-provi l-ohra kollha skont il-ligi, jitolbu, ai termini t'artiklu 257 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkolji t-talba kif aktar 'il fuq dedotta, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjithom il-minuri huma kienu dejjem konsistentament msejjha bhala 'Rahma Nassar' u 'Josef Nassar';

3. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz *de quo*, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1' u 'Dok. DRP 2' rispettivament, l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata mill-missier. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru

Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi;

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrent Usama Nassar a fol. 25 tal-process;

Rat illi fil-verbal tallum stess il-partijiet ghalqu l-provi taghhom;

Rat l-atti kollha.

Tqis illi in vista tad-dokumentazzjoni kollha esebita u partikolarment b'referenza ghall-affidavit tar-rikorrent fejn huwa spjegat dak li jghaddu minnu l-ahwa minhabba li jgibu kunjomijiet diversi nonostante li huma ulied l-istess genituri, l-Qorti tqis illi t-talbiet kif dedotti huma gustifikati u fl-ahjar interess tal-minuri.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex ai termini tal-Artikolu 257 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tilqa′ t-talba sabiex ic-certifikat tat-twelid ta′ Rahma Usama Abdelmangoud Abuelyezeed Nassar esebit a fol. 5 tal-process bin-numru 6049 tal-2012 ma jibqax jaqra′ Rahma Usama Abdelmangoud Abuelyezeed Nassar izda jaqra′ bl-isem u l-kunjom Rahma Nassar;

2. Tghaddi wkoll sabiex tilqa′ t-talba biex ic-certifikat tat-twelid ta' Josef Osama Abou El Yazeid esebit a fol. 4 tal-process bin-numru 4331 tal-2009 ma jibqax jaqra′ Josef Osama Abou El Yazeid izda jaqra′ bl-isem u l-kunjom Josef Nassar.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta′ Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta′ Dicembru 2019**